Iżda wara xi żmien li Williams kien ilu l-ħabs, għamel petizzjoni lill-Gvernatur. F'dina qallu li ilu 5 xhur il-ħabs tal-Korti l-Kbira tal-Belt, billi ġie mixli fuq qtil fi dwell. Fuq hekk barra milli tilef il-post li kellu bħala Provvditur fuq ir-*Regulus*, sab ruħu f'qagħda kiefra ta' ħabsi. Iżda billi jaf kemm hu (il-Gvernatur) tal-ħniena, talbu li jkollu ħniena minnu u jeħilsu mill-ħabs, billi jqis u jiżen il-ħabs twil li għamel u l-impieg li tilef, impieg li bih kien qiegħed igħix.

Għal din il-petizzjoni, il-Gvernatur qabbad tliet Imħallfin biex igħarblu l-Proċess ta' Williams u jagħmlu rapport tiegħu lill-Gvernatur. It-tliet Imħallfin kienu Ċensu Bonavita, Ġużè Zahra u Salvu Scifo.

Wara li t-tliet Imħallfin flew il-Proċess ta' Williams, ma qablux bejniethom dwar ir-Relazzjoni li kellhom jagħmlu lill-Gvernatur. Tnejn kienu favur u wieħed kontra, għalkemm ir-Rapport iffurmawh it-tlieta, Rapport li minnu ħadna dan li hawn taħt se'r inġibu.

Tnejn mill-Imħallfin, fir-Relazzjoni li għamlu, fis-7 ta' Settembru 1813, lill-Gvernatur, tefgħu l-ħtija kollha, ta' kull ma ġara, fuq Calleway, imħabba li dan indaħal, fejn ma kienx jesgħu, bejn Williams u Morton. Calleway bi kliem iebes rieġħex lill-Williams, u dan kien biż-żejjed biex iqajjem il-qilla f'żagħżugħ li jkun għajjur għal ġieħu. Terġa' billi bejn il-ġlieda u l-qtil ma għaddiex żmien ħlief tnax il-siegħa, aktarx li wieħed jista' jsejħilha ġlieda li ma qatgħetx. Fuq hekk, Williams jidher li iżjed hu ħati ta' qtil fi ġlieda, milli fi dwell. Barra minn hekk, Williams ta' kelma sewwa, li m'hux biss ma bagħat l-ebda biljett għad-dwell, iżda wkoll qal li wara l-ewwel sparatura, li biha ma ġie milqut ħadd, ried li ma jissuktawx jiddwellaw iżjed, fil-ħin li Calleway ma riedx. Din il-biċċa tissokta tnaqqas ħafna mill-ħtija ta' Williams, għax dan, imbagħad, kellu jiddwella bilfors biex ma jaqax taħt il-qilla ta' sieħbu. Tassew li hemm il-Liġijiet kontra d-dwell, iżda dawn qatt ma seħħu sewwa fuq min jiddwella. Dan in-nuqqas li ma ġewx imseħħin hu biż-żejjed biex il-ħati jeħles il-piena tal-mewt imhedda mil-Liġi Muniċipali, Lib. V, Kap. 4, Par. 22. Iżda billi l-istess Liġi Muniċipali Par. 21 tgħid, li dawk li jiddwellaw, u fid-dwell ma jsirx qtil, jeħlu 10 snin ħabs, iż-żewġ Imħallfin dehrilhom, li kif kienet il-biċċa, il-qtil fi ġlieda kien barra t-termni sewwa tad-dwell. Għalhekk Williams, qalu, li kellu jiġi mwaħħal 10 snin ħabs, li jibdew igħoddu minn dak il-jum li fih ġie arrestat. Iżda, billi me ta wieħed ikun bniedem sewwa, il-Liġijiet tal-pajjiż iqisu



il-għamla ta' dak li jkun meta dawn kienu jatu l-pieni lil-ħatja, talbu li l-piena ta' Williams tkun ta' 5 snin ħabs biss.

Wara kull Relazzjoni li dari kienet issir mill-Korti lill-Gvernatur, u li fiha l-Imħallfin kienu jatu l-fehma tagħhom, kien jibqa' fir-rieda tal-Gvernatur, jekk dana jagħmilx bħal ma qalulu l-Imħallfin, inkella bħal ma kienu jgħidulu l-Udituri tiegħu, billi, fiż-żmenijiet li q'ed insemmu, il-Gvernaturi kienu jindaħlu fil-Krati. Għalhekk, fl-aħħar tar-Relazzjoni, l-Imħallfin kienu jżidu u jgħidu, li se'r iħallu f'idejn il-Gvernatur biex jaqta' hu x'għandu jsir.

Bir-Rapport kollu li sar mill-Imħallfin, ma sibna li ġie maqtugħ xejn dwar il-biċċa ta' Williams. Iżda fis-27 ta' Jannar 1814, kif insibu fil-Mss. tal-Bibljoteka, Għadd 430, il-Gvernatur Maitland ġiegħel li jiġu meħlusa xi nies mill-ħabs. Fost dawk li ġew mibgħuta l-barra mill-ħabs, insibu wkoll li ġie meħlus John Williams, dak li, skond il-fehma ta' l-Imħallfin, mill-anqas kellu jiġi mwaħħal 5 snin ħabs, fil-ħin li Maitland bagħtu l-barra ħieles minn kollox.

**Ġużè Gatt.**

# FRAK

## (BIEX MA JINTILEFX)

### LILEK, MARIJA!

Kull min ġe' sidru kellu nar ta' mħabba,
Kull min ġe' moħħu nissel ħsieb sabiħ,
Lilek ħtar l-innu li fil-qalb jitrabba,
Lilek, Marija, l-oħla kliem ta' ġieħ.

U biex jgħannilek l-isbaħ għanja tiegħu,
Issellef mill-ħolqien l-ogħna xbihiet,
Sejjaħ lill-ġonna biex jissieħbu miegħu,
Xierek ma' leħnu l-ilħna tas-smewwiet.

**Dun Karm.**